II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

Emendi tal-Konvenzjoni Doganali dwar it-Trasport Internazzjonali ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-carnets TIR (il-Konvenzjoni TIR tal-1975)

Skont in-Notifika lid-Depożitarju tan-NU C.N.557.2018.TREATIES — XI.A.16 l-emendi segwenti għall-Konvenzjoni TIR jidħlu fis-seħħ fit-3 ta' Frar 2019 għall-Partijiet Kontraenti kollha

Artikolu 1, paragrafu (q)

Wara "l-awtoritajiet doganali" żid "jew awtoritajiet kompetenti oħra".

Artikolu 3, paragrafu (b)

Il-kelma "approvati" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "awtorizzati".

Artikolu 6, paragrafu 2

Il-kelma "approvata" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "awtorizzata".

Artikolu 11, paragrafu 3

Il-kliem "tliet xhur" għandu jiġi sostitwit bil-kelma "xahar".

Artikolu 38, paragrafu 1

It-test eżistenti għandu jiġi sostitwit bil-kliem:

"1. Kull waħda mill-Partijiet Kontraenti għandu jkollha d-dritt li teskludi temporanjament jew permanentament mit-tħaddim ta' din il-Konvenzjoni kwalunkwe persuna ħatja ta' reat serju jew ripetut kontra l-liġijiet jew ir-regolamenti doganali applikabbli għat-trasport internazzjonali tal-merkanzija. Il-kundizzjonijiet li fihom ir-reat kontra l-liġijiet jew ir-regolamenti doganali jitqiesu bħala serji għandhom jiġu deċiżi mill-Parti Kontraenti."